REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/348

tat-8 ta' Marzu 2018

dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini preferenzjali stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward ta' roti u ċikletti oħra prodotti fil-Kambodja rigward l-użu taħt kumulazzjoni ta' parts li joriġinaw mill-Malasja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 64(6) u 66(b) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Unjoni tat preferenzi tariffarji ġeneralizzati (SĠP) lill-Kambodja. L-iskema tal-SĠP daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 jipprevedi l-possibbiltà li jingħataw, f'ċerti ċirkostanzi definiti b'mod preċiż, u għal ċerti oġġetti, derogi mir-regoli dwar l-oriġini preferenzjali favur pajjiżi li jibbenefikaw minn SĠP. Skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([3]), il-kumulazzjoni reġjonali tista' tapplika biss fl-istess grupp reġjonali għal pajjiżi li, fil-mument tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, huma benefiċjarji tal-SĠP.

(3) Fit-13 ta' Ottubru 2016, il-Kambodja ressqet talba għal estensjoni ta' tliet snin għad-deroga li kienet ingħatat permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 822/2014 ([4]). Skont dik id-deroga, il-Kambodja kellha d-dritt, bl-iskop li tkun determinata l-oriġini tar-roti tal-intestatura HS 8712 importati lejn l-Unjoni mill-Kambodja, li tqis il-partijiet li joriġinaw mill-Malasja bħala materjali li joriġinaw fil-Kambodja permezz ta' akkumulazzjoni reġjonali taħt l-iskema SĠP, minkejja li l-Malasja ma kinitx pajjiż benefiċjarju mill-SĠP.

(4) Fit-talba tagħha, il-Kambodja qieset li kienu saru sforzi konsiderevoli mill-industrija tar-roti tagħha biex tikkonforma gradwalment mar-regoli tal-oriġini tal-Unjoni għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (kif previst fl-Anness 22-03 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446), li skontu, biex prodott jitqies li joriġina fil-pajjiż l-anqas żviluppat, il-materjali li jintużaw għall-produzzjoni tiegħu u importati minn pajjiżi oħra jenħtieġ li ma jaqbżux is-70 %. Madankollu, l-Kambodja kkonkludiet li aktar żmien huwa meħtieġ biex dik l-industrija tikkonforma kompletament mar-regoli tal-oriġini tal-Unjoni għall-pajjiżi l-anqas żviluppati.

(5) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Frar 2017 il-Kummissjoni talbet lill-Kambodja biex tagħtiha aktar informazzjoni. Fil-15 ta' Ġunju 2017, il-Kambodja bagħtet it-tweġiba tagħha għal din it-talba, u minħabba f'hekk l-applikazzjoni tagħha kienet ikkunsidrata bħala kompluta.

(6) Fit-tweġiba tagħha, il-Kambodja wriet li kienu saru sforzi biex l-industrija tar-roti ssir aktar awtonoma bis-saħħa ta' investimenti mmirati lejn l-istabbiliment ta' linji oħra tal-manifattura tal-parts (bħalma huma l-frejms, iż-żebgħa, l-iwweldjar jew ir-rimmijiet). Il-Kambodja spjegat ukoll li l-manifatturi kienu ngħataw inċentiv biex jixtru aċċessorji tar-roti kif ukoll materjal tal-ippakkjar mill-forniturі lokali biex b'hekk jiżdied il-valur miżjud li jinħoloq fil-Kambodja. B'konsegwenza, il-Kambodja issa għandha l-politika tagħha stess biex tattira l-investituri ħalli jistabbilixxu clusters f'żoni ekonomiċi speċjali b'appoġġ għall-industrija tar-roti.

(7) Il-Kambodja tenfasizza li perjodu ta' żmien addizzjonali jkun importanti biex jinżamm ir-ritmu tal-industrija tar-roti tal-Kambodja u biex jidħlu fis-seħħ proġetti ġodda, b'mod partikolari fil-qasam tal-promozzjoni tal-investimenti f'membri oħra tal-ASEAN, li se jgħinu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-industrija tar-roti tal-Kambodja fir-rigward tal-kwalità u l-prezz tal-parts tar-roti.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 822/2014 tat-28 ta' Lulju 2014 dwar deroga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fir-rigward tar-regoli tal-oriġini taħt l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati fir-rigward ta' roti prodotti fil-Kambodja rigward l-użu taħt kumulazzjoni ta' partijiet ta' roti li joriġinaw mill-Malasja (ĠU L 223, 29.7.2014, p. 19).

(8) Mill-informazzjoni addizzjonali jidher li l-Kambodja issa toffri livell sodisfaċenti ta' awtonomija lill-industrija tar-roti tagħha u ċ-ċifri li ppreżentat fir-rapport tagħha juru li r-regola tal-oriġini li tippermetti l-użu ta' 70 % ta' materjali mhux oriġinarji dalwaqt tista' tiġi rispettata b'mod sostenibbli. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak it-titjib, ma teżistix il-ħtieġa għal perjodu twil ta' estensjoni tad-deroga jew biex għadd kbir ta' unitajiet importati lejn l-Unjoni jiġu koperti minn dik id-deroga. Peress li d-deroga għall-2016 kienet tikkonċerna 150 000 unità, għadd ta' 100 000 unità se jkun biżżejjed biex il-Kambodja tkun appoġġata sakemm l-industrija tagħha ssir kompletament awtonoma.

(9) Madankollu, kif spjegat il-Kambodja fit-talba tagħha, l-użu sħiħ tad-deroga jiddependi fuq ir-ritmu staġjonali li jissepara l-perjodu għall-ordni tal-parts (Ottubru-Diċembru) mill-perjodu tal-importazzjoni ta' dawk il-parts minn pajjiżi oħra (minn Mejju tas-sena ta' wara sa Marzu tat-tielet sena). Għalhekk jidher li jkun meħtieġ perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex id-deroga tkun ta' benefiċċju. Għall istess raġunijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Sabiex ikun hemm sorveljanza effiċjenti tal-operat tad-deroga, huwa neċessarju li l-awtoritajiet tal-Kambodja jkunu meħtieġa jikkomunikaw regolarment lill-Kummissjoni d-dettalji tal-Formola A taċ-ċertifikati tal-oriġini li nħarġu fil-kuntest tad-deroga.

(11) Id-deroga jenħtieġ li tikkonċerna prodotti tal-intestatura HS 8712 li jużaw parts mill-intestatura HS 8714 li joriġinaw mill-Malasja.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 55(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, il-Kambodja għandha tkun intitolata tistrieħ fuq il-kumulazzjoni reġjonali tal-oriġini skont it-Titolu II, Kapitolu 1, Taqsima 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 meta jintużaw parts skont l-intestatura HS 8714 li joriġinaw mill-Malasja għall-produzzjoni tar-roti u ċikletti oħra tal-intestatura HS 8712 għall-esportati lejn l-Unjoni.

2. Il-provi tal-oriġini għall-parts imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħejjew skont it-Titolu II, Kapitolu 2, Taqsima 2, Subtaqsima 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]).

Artikolu 2

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-prodotti tal-intestatura HS 8712 esportati mill-Kambodja u ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni matul il-perjodu sal-kwantitajiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

Il-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 4

Il-Kaxxa 4 tal-Formola A taċ-ċertifikati tal-oriġini, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja jew stqarrijiet dwar l-oriġini magħmula mill-esportaturi rreġistrati fil-Kambodja fir-rigward ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 2 għandu jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

— "Derogation — Commission Implementing Regulation (EU) 2018/348",

L-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sa tmiem ix-xahar ta' wara kull kwart tas-sena ċivili, dikjarazzjoni għal kull tliet xhur tal-kwantitajiet ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 2, li għalihom inħarġu Formoli A taċ-ċertifikati tal-oriġini u n-numri tas-serje ta' dawk iċ-ċertifikati.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Artikolu 5

L-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw konformità mal-Artikoli 1 u 4 u biex jistabbilixxu u jmantnu l-istrutturi u s-sistemi amministrattivi kollha biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tad-deroga msemmija fl-Artikolu 1 u l-kooperazzjoni amministrattiva, kemm mal-awtoritajiet tal-Malasja kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea u mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni, kif speċifikat fit-Titolu II, Kapitolu 2, it-Taqsima 2, Subtaqsima 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu	Kwantitajiet (f'unitajiet)
09.8094	8712	Roti u ċikletti oħrajn (inklużi triċikletti għat-tqassim), mhux motorizzati	Mid-9 ta' Marzu 2018 sal-31 ta' Diċembru 2019	100 000